# NINU CREMONA

## PJONIER TAL-GRAMMATIKA MALTIJA MODERNA

Ta' P. DWARDU FENECH, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., O.S.A.

Fil-ktieb tiegħu "Antoloġija ta' Proża Maltija" li l-Università stampatlu fl-1970, Ninu Cremona tkellem dwar "It-Tagħlim Grammatikali" u qalilna li anki fi żminijietna dan għadu meħtieġ(1). Xi wħud mill-kittieba tagħna, "għalkemm jidhrilhom li l-kitba tagħhom twieġeb għal dak li trodd is-sistema grammatikali tal-**Għaqda,** jagħilτu fl-ortografija ta' xi kliem ta' reqqa, u l-ħtija ta' dan kollu għaliex moħħhom għadu ma apprezzax biżżejjed it-tagħlim razzjonali ta' xi regull grammatikali"(2). Imbagħad is-Sur Nin iżid igħid: "Il-kitba grammatikali ta' lsien hija l-libsa formali tal-kitba skolastika, uffiċjali u letterarja ta' pajjiż"(3).

Ninu Cremona fehem minn kmieni l-importanza tal-grammatika Maltija. Bis-saħħa ta' Ġuże' Muscat Azzopardi, fl-1912 dan l-istudjuż

---

1. A. Cremona, Antoloġija ta' Proża Maltija, Malta University Press, 1970, pp. 5-8.
2. Ibid., p. 7.
3. Ibid., p. 7.

beda jikteb bil-Malti għall-ġurnal "Il-Habib". U mħabba f'hekk qabad jinteressa ruħu fil-kitba xierqa tal-Malti. L-ewwel regoli tgħallimhom minn fuq il-ktieb "Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija" (Malta, 1901) ta' Ġanni Vassallo. Kien ma' dan l-awtur li s-Sur Nin ħadem mill-1920 sal-1923 biex jibni ortografija u grammatika kemm jista' jkun fuq regoli xjentifiċi. Huma kienu mqabbda jagħmlu dan ix-xogħol minn Kummissjoni fi ħdan l-Għaqda tal-Malti, u ħadmu f'isimha. Fit-18 ta' Diċembru 1921 l-Għaqda approvat l-alfabet il-ġdid tagħhom wara li biddlet żewġ simboli minnu. Wieħed minn dawn is-simboli kien jirrappreżenta l-għ. Ninu Cremona kien xtaq jinqeda bl-ittra g b'sing mimdud fuqha. L-idea kienet li juża simbolu waħdieni, u mhux digraff kif fil-fatt sar. Minħabba f'hekk xtaqu li jrossu ma' xulxin is-simboli g u ħ li jsawru d-digraff għ. Dwar dan hemm nota fil-"Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija"(4), li ħareġ mill-Istamperija tal-Gvern bis-saħħa ta' Turu Mifsud li kien membru fil-Parlament.

L-ewwel xogħol li għamel Ninu Cremona fuq il-grammatka kien fl-1921, sewwa sew għoxrin sena qabel ma ħareġ it-tieni edizzjoni tat-tieni ktieb tat-"Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija" fejn jidher fl-aqwa tiegħu bħala grammatiku. Dan kien l-istudju tiegħu: "Compendio sulla ortografia razionale del Dialetto Maltese", li baqa' ma stampax ruħu. Fl-1928, ħabibu Ġanni Vassallo ħareġ "L'Ortografia Maltese" (Malta). Imma Cremona kien għadu qed jaħdem fl-istess qasam, u s-sena ta' wara ħareġ "A Manual of Maltese Orthography and Grammar". F'dan il-ktieb, Ninu Cremona ma nqediex bl-alfabet ta' l-Għaqda. Hu ried jilħaq il-ħtieġa tal-mument, l-iżjed ta' l-uffiċjali tal-Gvern u l-membri tal-pulizija. Għalhekk reġa' nqeda bl-alfabet ta' l-Akkademja Filoloġika Maltija (1840), bl-eċċezzjoni tas-simbolu u li minfloku daħħal l-għelm **w** meta deherlu li kellu valur konsonantali. Dal-ktieb fih ħafna xogħol interessanti, bħal ma hu l-istudju li għamel is-Sur Nin dwar il-pożizzjoni tal-konsonanti u tal-vokali tan-nomi verbali. Hekk, fuq il-mudelli: bard, talb, u oħrajn, ħareġ il-forma KVKK (K = Konsonanti, V = Vokali). Biss, imbagħad, meta mess il-verbi mnisslin ma tax każ tal-ordni tal-forom verbali Għarbin li fuqhom huma msawrin dawk tagħna fil-qofol tagħhom. Kien minħabba f'hekk li fl-1936 Edmund F. Sutcliffe S.J., fil-waqt li daħħal l-isem ta' dil-grammatka fil-bibljografija tiegħu, seta' jgħid: "Not one of the grammars enumera-

4. Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija, Malta, Stamperija tal-Gvern, 1924, p. iii.

ted in the bibliography presents a correct scheme of the verb"(5)

Fis-sena 1936 ħarġu żewġ grammatki tal-Malti mill Istamperija ta' l-Università ta' Oxford. Waħda hi dik ta' Sutcliffe, ktieb ta' 300 paġna, li jħaddan fih mhux biss grammatka (213-il paġna), imma wkoll siltiet ta' proża u poeżija (31 paġna) u vokabclarju (36 paġna), u l-oħra hi ta' Ninu Cremona: "Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija", l-ewwel ktieb, b'123 paġna. L-istampatur kien John Johnson. Il-ktieb kien jinbiegħ xelin, prezz irħis ħdejn dak tal-"Manual of Maltese Orthography" li kien xelin u nofs, għal wieħed u sebgħin paġna. Il-"Tagħrif" kien jinbiegħ għaxar soldi biss, imma dan kien stampat fl-Istamperija tal-Gvern.

It-"Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija" hu l-ikbar xogħol ta' fejda li għamel Ninu Cremona għall-Malti. Għaliex bis-saħħa tiegħu l-Maltin tgħallmu jiktbu sewwa u fl-istess ħin bdew jinqdew bl-alfabet u bl-ortografija l-ġdida fil-kitbiet kollha tagħhom. Hekk, il-ġurnali bil-Malti li kienu jeżistu bdew jaqilbu ftit ftit għall-kitba l-ġdida, jonkella waqfu u għamlu wisa' għal ġurnali oħra. Hekk ukoll għamlu r-rivisti reliġjużi u xjentifiċi. U xi ngħidu għall-kotba ġodda bil-Malti li bdew joħorġu dejjem iżjed, sa ma fi żminijietna qegħdin naraw kotba ġodda tista' tgħid kull ġimgħa?

Fid-daħla ta' l-ewwel edizzjoni ta' l-ewwel ktieb tal-grammatika tiegħu, is-Sur Nin igħid li "Fil-metodu, fit-tqassim ta' reguli ta' ortografija u fi ħwejjeġ oħra... jien imxejt fuq iż-żewġ xogħlijiet manuskritti tas-Surmastrijiet, is-Sur G. Ebejer u s-Sur G.A. Cilia. Dan ta' l-aħħar għinni wkoll fil-fasla tat-taqsimiet ta' dan il-ktieb" (6). F'dan il-ktieb jidher li s-Sur Nin fittex li jkun kemm jista' jkun prattiku għal dak iż-żmien. Kien għalhekk li, per eżempju, ħafna drabi qagħad igħidilna kif għandna niktbu l-Malti, u wara jgħid kif m'għandiex niktbuh. Ried ineħħi l-idea tal-kitba l-qadima u fl-istess ħin ma jħallix jinbtu żbalji ġodda minħabba l-ortografija l-ġdida. Hwejjeġ bħal dawn il-lum għamlu żmienhom u iżjed ifixklu milli jgħinu. Il-verbi mnisslin, fl-ewwel edizzjoni ta' l-ewwel ktieb, is-Sur Nin sejħilhom ukoll **verbi miżjudin.** Din it-terminoloġija tfakkarna f'Vassalli, li fil-grammatka tiegħu, it-tieni edizzjoni, sejħilhom **aucti** alla Latina,

5. Edmund F. Sutcliffe S.J., A Grammar of the Maltese Language with Chresomathy and Vocabulary, Third Impression, 1960, Progress Press, Malta, p. vi.
6. A. Cremona, Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija, l-Ewwel Ktieb, Oxford University Press, 1936, pp. 5-6.

jew **aumentati,** li trodd bit-Taljan il-kelma Latina. Vassalli jgħid hekk: "I verbi indicano le azioni, e si distinguono nel Maltese in **Radicali** (verbi tal-għerq jew ewlenin) e in **Aucti,** ossia Aumentati"(7).

Is-Sur Nin għadd il-għ bħala konsonanti sħiħa, indipendentement mill-pożizzjoni. Għalhekk verbi li jispiċċaw bil-għ, bħal **laqa'** qal li huma verbi sħaħ(8). Mhux hekk għamel Sutcliffe, li, għalkemm kien professur tal-Lhudi u studjuż tal-ilsna semitiċi, qal li huma verbi dgħajfin (9). L-iżjed ħaġa li setgħet ġagħlitu jiżbalja lil dan l għaref Ingliż kienet il-j li tidher flok l-għ fl-ewwel u fit-tieni persuna, għadd singular u għadd plural, taż-żmien passat.

Il-verbi mnisslin kemm kemm isemmihom is-Sur Nin fl-ewwel ktieb tal-grammatka tiegħu. Hu ma jagħtiniex il-forom tagħhom. Dan ix-xogħol ħallieh għat-tieni ktieb. Imma hu kien ġa tkellem dwarhom fl-1929 fil-ktieb "A Manual of Maltese Orthography". Hawnhekk qalilna li l-forom imnisslin huma aktarx tmienja, jiġifieri:

**L-Ewwel Forma:** verbi bit-tieni konsonanti tal-għerq imtennija, eż. qabbad, (= it-tieni forma kif nafuha aħna);

**It-Tieni Forma:** verbi li jibdlu l-ewwel vokali f'â jew f'ie, eż. ftiehem (= it-tielet forma);

**It-Tielet Forma:** verbi li jieħdu N quddiem il-forma ewlenija, eż. nqabad, (= is-seba' forma);

**Ir-Raba' Forma:** verbi li jieħdu T qabel l-ewwel forma mnissla, eż. tqatta', (= il-ħames forma), jew qabel it-tieni forma mnissla, eż. Tqatel (= is-sitt forma), jew qabel il-kwadrilitteri; eż. tqarben, (= it-tieni forma tal-kwadrilitteri);

**Il-Ħames Forma:** Verbi ewlenin li jieħdu T wara l-ewwel konsonanti tal-għerq, eż. ftaqar (= it-tmien forma);

**Is-Sitt Forma:** Verbi ewlenin li jieħdu ST qabel il-forma ta' l-imperativ, eż. staħba, (= l-għaxar forma);

**Is-Seba' Forma:** Verbi ewlenin li jieħdu NT fil-bidu, eż. ntqal, (= għamla oħra, varjanti tas-seba' forma);

**It-Tmien Forma:** Verbi ewlenin li tilfu l-ewwel vokali, u li tawlu l-vokali l-oħra, eż. bjad, (= id-disa' forma).

7. M.A. Vassalli, Grammatica della Lingua Maltese, Seconda Edizione, Malta, 1827, p. 38.
8. A. Cremona, Tagħlim, op. cit., p. 51.
9. E.F. Sutcliffe, op. cit., pp. 101-105.

Fl-1938 Ninu Cremona ħareġ it-Tieni Ktieb tat-"Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija". F'dan ix-xogħol, l-awtur tenna xi ħaġa milli kien qal fl-ewwel ktieb, daħħal elementi li kienu jeżistu bnadi oħra, bħal, ingħidu aħna, fit-"Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija", u żied ħwejjeġ ġodda. Hekk, per eżempju, meta tkellem dwar l-alfabet, daħħal regoli li mhux biss kienu ġa sabu posthom fit-"Tagħrif ", imma wkoll kienu ssemmew minn M.A. Vassalli: "1. Ogni suono della lingua dev'esser indicato da una sola cifra, o lettera distintamente d'ogni altra. 2. Niuna lettera può avere più d'un suono... 3. Quindi niun suono può descriversi con più lettere... 4. Niuna lettera può indicare ad arbitrio un suono espresso per via d'un'altra..." (10).

Fl-ewwel edizzjoni tat-tieni ktieb tal-grammatka tiegħu, Cremona tkellem dwar il-forom tal-verbi, u qassamhom b'mod differenti minn li kien għamel fil-"Manual of Maltese Orthography". Il-verbi mnisslin ġabarhom f'suriet jew forom għalihom, indipendentement mill-ewwel forma. "Il-metodu magħżul minni li jifred is-Sura jew il-Forma Ewlenija mill-Imnissla jimxi ma' dak ta' Vassalli u Panzavecchia..." qalilna Ninu Cremona (11). Il-forom infushom tbiegħdu ftit mill-ordni li fihom kienu dehru fil-grammatka ta' Sutcliffe u minn kif jidhru fil-Grammatki Għarbin. Hekk ġara li t-tieni forma sejħilha lewwel sura mnissla, il-ħames forma sejħilha t-tielet sura mnissla, is-sitt forma sejħilha r-raba' sura mnissla, is-seba' forma bil-prefiss N sejħilha l-ħames sura mnissla, it-tmien forma sejħilha s-sitt sura mnissla, is-seba' forma bil-prefiss NT sejħilha s-seba' sura mnissla, id-disa' forma sejħilha t-tmien sura mnissla, u l-għaxar forma sejħilha d-disa' sura mnissla.

Fl-1941 Ninu Cremona ħareġ it-tieni edizzjoni tat-tieni ktieb tal-grammatka tiegħu. F'din l-edizzjoni għamel ħafna tibdil għall-aħjar. Ta' min isemmi li kien f'din l-edizzjoni li ppreżenta tajjeb il-forom tal-verbi, b'mod li sostanzjalment ġew jaqblu mal-forom tal-verbi Għarbin. Id-differenza ewlenija qiegħda fid-disa' forma tal-verbi Maltin li taqbel mal-ħdax-il forma tal-verbi Għarbin. Id-disa' forma tal-verbi Għarbin ma teżistix fil-Malti, u għalhekk għamlu sewwa kemm Sutcliffe u kemm Ninu Cremona li l-verbi mibnijin fuq il-mudell KKVK (bħal: bjad) sejħulhom verbi tad-disa' forma.

---

10. M.A. Vassalli, Grammatica della Lingua Maltese... p. 1.
11. A. Cremona, Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija, it-Tieni Ktieb, Malta, 1938, nota għar-regola 171, p. 75.

Bit-tiswijiet li għamel Ninu Cremona fit-tieni edizzjoni tat-tieni ktieb tat-"Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija", hu wera li kien laħaq il-maturita' tiegħu fil-qasam grammatikali f'Settembru 1940, id-data li fiha kiteb id-daħla għal din l-edizzjoni. Xi tibdil ieħor sar fl-edizzjonijiet diversi li ħareġ wara, kemm ta' l-ewwel ktieb, u kemm tat-tieni ktieb. Imma ma kienx tibdil kbir. Wieħed forsi kien jistenna li jiżdied xi studju fuq l-influwenzi grammatikali li kellu l-Malti mill-grammatika Romanza. Xi ħaġa ta' din il-għamla ġa saret fit-"Teach Yourself Maltese" (Progress Press Malta, 1965) tal-Prof. Ġ. Aquilina.

Wara Ninu Cremona kien hemm diversi studjużi oħra li kitbu grammatki tal-Malti. Dawn, imma, kellhom il-vantaġġ li sabu t-triq imwittija. X'kellhom jittrattaw kienu jafu, x'kellhom igħidu kienu jafu. Li kien jonqos hu l-kif jittrattawh, il-kif igħiduh. Kitbiet oħra għad jistgħu jmiddu għonqhom biex jagħtu libsa ġdida, fuq linji lingwistiċi moderni, lill-grammatka tagħna. Imma dejjem jibqa' l-fatt li Ninu Cremona kien il-pjonier tal-Grammatka Maltija ta' żmienna.